**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**
**DEĊIŻJONI NUMRU 2720**
Chairperson: Dr. Charmaine Cristiano Grech

**Kaz Nru: 3692/CCG**
**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**
**bejn**
**Sarto Ltd (C25548)**
**u**
**Christine Vella (324973M)**
Dwar: Ksur ta' ftehim

Illum 3 ta' Marzu 2021

**Preliminari**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, permezz ta' rikors dwar allegat ksur ta' ftehim. Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-kaz jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

Illi ir-rikorrent ippreżenta rikors fejn spjega li l-intimata kienet impjegata tas-soċjeta` rikorrenti bejn Settmebru tal-2015 u Marzu 2018 fil-kariga ta' *Retails Sales Advisor* fuq bażi *full time*, meta l-intimata, temmet l-impjieg tagħha. L-istess intimata reġgħat ġiet impjegata fl-istess pożizzjoni fuq bażi full time b'kuntratt defenittiv f'April 2018. Dan il-ftehim kien jistipula li l-intimata taħdem tal-anqas sena, ċioe sa April 2019.
L-intimata irriżenjat fis-26 ta' Ġunju 2018 permezz ta' ittra ta' riżenja u ma daħlitx iżjed għax-xogħol. Is-soċjeta` rikorrenti saħqet li dan sar mingħajr raġuni valida u bi ksur tal-ftehim bejn iż-żewġ partijiet. Għalhekk ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal biex jiddikjara li l-intimata kisret il-ftehim ta' mpjieg, tiġi dikjarata responsabbli tad-danni sofferti mis-soċjeta` rikorrenti u tikkundannha tħallas is-somma ta' erbat elef, tmien mija u ħamsa u għoxrin ewro u tmenin ċenteżmu (€4,825.80) bħala danni sofferti mis-soċjeta` rikorrenti.

L-esponenti saħqet li talbiet tar-rikorrenti huma nfondati u li qatt ma kien hemm ftehim iffirmat u li talbiet huma frivoli u vessatorji.

**Sinteżi tax-Xhieda**

Is-soċjeta` esponenti preżentat affidavit tas-Sa. Michelle Farrugia, fejn taħt ġurament ingħad li tokkupa l-kariga ta' Direttur Eżekuttiv. Is-Sa. Farrugia qalet li l-intimata kienet taħdem bħala Retails Sales advisor ġewwa l-ħanut Hugo Boss ġewwa l-ajruport Internazzjonali ta' Malta. Ikkonfermat li rriżenjat f'Marzu tal-2018. Karl Falzon, li jokkupa il-kariga ta' Human Resources Executive sar jaf li s-Sa. Vella telqet mix-xogħol il-ġdid li kellha u kienet qed tifittex xogħol u qal b'dan lis-Sa. Farrugia. Wara diskussjoni interna ġie deċiż li joffrula mpjieg fuq bażi definit bil-patt u l-kundizzjoni li taħdem tal-anqas sena. L-intimata aċċettat verbalment u kienet anke marret l-uffiċju biex tiddiskuti xi dettalji. Il-laqgħa saret nhar is-17 ta' April 2017. Is-Sa. Farrugia nfurmat lill-intimata li internament kien intlaħaq qbil fuq il-kundizzjonijiet fosthom li taħdem minn tal-anqas sena.

Fit-18 ta’ April bdiet taħdem mal-kumpanija u fis-26 ta’ Ġunju is-Sa. Farrugia, flimkien mas-Sur Karl Falzon irċevew email mingħand is-Sa. Vella tinforma li rriżenjat mill-impjieg tagħha u l-aħħar ġurnata ta’ xogħol se tkun it-30 ta’ Ġunju 2018. Is-Sa. Farrugia żiedet li fil-verita` lanqas l-aħħar shift li kellha taħdem ma ħadmet. Żiedet tgħid li sa ġurnata qabel l-email tar-riżenja kienet iltaqgħet mal-intimata u stqarret magħha li qegħdha kuntenta. Is-Sa. Farrugia kompliet tgħid li għalhekk il-kumpanija ddeċidiet li tipproċedi kontra l-intimata u kkonfermat li l-paga tas-Sa. Vella kienet ta’ €956.16 fix-xahar gross.

Ġie preżentat ukoll affidavit tas-Sur Karl Falzon, Human Resources Executive fil-kumpanija rikorrenti. Ikkonferma id-dati ta’ meta is-Sa. Vella kienet taħdem u riżenjat għall-ewwel darba minn mal-kumpanija. Qal ukoll li kien sar jaf, mingħand l-intimata stess li ftit wara li bdiet taħdem fix-xogħol il-ġdid kienet irriżenjat. Is-Sur Falzon qal ukoll li wara li sar kuntatt mas-Sa. Vella, kienet saret laqgħa fl-uffiċċji tal-kumpanija u ntlaħaq qbil dwar il-kundizzjonijiet fosthom anke li minn tal-anqas taħdem sena mal-kumpanija. Is-Sur Falzon stqarr ukoll li s-Sa. Vella stess kienet qalet li stenniet kundizzjoni bħal din.

Is-Sur Falzon ikkonferma li fis-26 ta’ Ġunju kienu rċevew email mingħand is-Sa. Vella tinfurmhom li se tirriżenja u l-aħħar ġurnata xogħol kienet se tkun it-30 ta’ Ġunju. Żied li fit-30 ta’ Ġunju rċieva telefonata mingħand is-Sa. Vella tinfurmah li mhux dieħla għall-aħħar shift. Minn hemm ma setgħux jagħmlu iżjed kuntatt magħha, lanqas fuq il-mobile. Żied jgħid li is-Sa. Vella rritornat iċ-ċwievet u l-card tal-ħanut billi ħalliethom f’envelope f’ħanut ieħor li għandhom fl-ajrupot. Is-Sur Falzon ikkonferma id-deċiżjoni tal-kumpanija li tipproċedi kontra l-intimata u kkonferma wkoll l-ammont ta’ paga li kellha is-Sa. Vella.

L-intimata preżentat ix-xhieda tagħha permezz ta’ affidavit, fejn stqarret li kienet taħdem mas-soċjeta` rikorrenti bejn Lulju 2015 u Marzu 2018. Is-Sa. Vella, permezz tal-affidavit stqarret li waqt konverżazzjoni mas-Sur Karl Falzon, saqsijha jekk tridx terġa’ tmur taħdem mal-kumpanija u li hi aċċettat. Is-Sur Falzon infurmha li kien se jiddiskuti mas-Sa. Farrugia. Ikkonfermat li kienet saret laqgħa fis-17 ta’ April bejn il-partijiet u li l-kumpanija rikorrenti kienet offriet l-impjieg bl-istess kundizzjonijiet li kellha qabel. Is-Sur Falzon kien qallha wkoll li kien se jtiha kuntratt li jkun iffirmat miż-żewġ partijiet iżda dan qatt ma wasal. Is-Sa. Vella stqarret li fl-ebda mument, la waqt il-konverżazzjonijiet bit-*telephone* u lanqas waqt il-laqgħa ma ssemmiet il-kundizzjoni li taħdem minn tal-anqas sena mal-kumpanija. Ikkonfermat li bagħtet l-email ta’ riżenja lis-Sur Falzon u lis-Sa. Farrugia u li nfurmathom li l-aħħar ġurnata ta’ xogħol kellha tkun it-30 ta’ Ġunju. Stqarret li għalkhemm kienet kuntenta taħdem fil-ħanut, mhux l-istess kienet bil-kumpanija, fejn kien hemm nuqqas ta’ staff, roster imħawwad u nuqqas ta’ inizjattiva biex jinstabu mpjegati oħra.

**Sinteżi tas-sottomossjonijiet**

Dr. Peter Fenech għas-soċjeta fis-sottomissjonijiet spjega li din il-kawża saret għaliex filwaqt li huwa tajjeb li l- impjegati jkollhom id- drittijiet, ma jistax ikun li l- obbligi li jikkuntrattaw ma josservawhomx. Din l- impjegata partikolari, Christine Vella, kienet taħdem mal- kumpanija preċedentament. Ukoll kienet qabdet u telqet. Meta reġgħet ġiet impjegata sar id- diskors, l-obbligu li m’ għandux għalfejn ikun bil- miktub. Hemmhekk sar il- kuntratt bil- kundizzjonijiet

meta din ikkommetiet ruhha għax huma għamlulha kundizzjoni tal-inqas tina sena imma. Hija nteressanti li hi tiġġustifika ruħha fix- xhieda tagħha u tgħid ghax il- kumpanija kienet se tagħlaq. Fil- verita' mhux il- kumpanija kienet se tagħlaq. Imbaghad fuq kontro- ezami kkoregiet ruħha. Il-ħsnut hemmhekk, imma dawn għandhom numru ta' ħwienet. Kienu jafu minn qabel ma marru għaliha li l-ħanut kien ser jagħmel refurbishment ġo l- Airport. Is-soċjeta saħqet li s-sinjura Vella refgħet obbligu u sempliċiment għax temmen li huwa verbali tista' ma tagħtix kasu. Ma tantx kien hemm xhieda f'dan il-każ pero unanimament hija kwistjoni kollha ta' kredibilita'. Jekk naraw ix- xhieda ta' Christine Vella, naraw illi meta in kontro- ezami, bil-ġurament tagħha, mistoqsija inti erfajt obbligu li taghmel sena ma' din il- kumpanija? Allura jekk inti tlaqt wara xahrejn mhux ovvja li trid thallas għall- għaxar xhur li fadal. Fix-xhieda tagħha Christine Vella tirrikonoxxi li kien hemm diskussjoni dwar perjodu. Allura dak li kien qed jgħid Karl Falzon, dak li kienet qed tgħid Michelle Farrugia kien korrett u qalet imma lanqas huma stess ma kienu jafu kemm. X' jigifieri lanqas huma biss kienu jafu kemm? Tajjeb? Imbaghad tgħid ħa ngħidlek għalfejn. 'Għax lanqas biss jafu fejn ha jpoġġuni xogħol wara.' Il-kumpanija li għandha numru ta' ħwienet, tajjeb, jafu li dan il-ħanut kien ilu mmarkat għall-refurbishment għax fl- ajruport ma taqbadx u tagħmel refurbishments kif trid.

Dr. Micallef Stafrace għal Christine Vella qabel ma' Dr. Peter Fenech meta qal li t-Tribunal se jkollu diffikulta' jekk se jaċċettax dak li qed tgħid is-soċjeta. Kap. 452 jagħmilha ċara li jeżistu jew kuntratt indefinit jew kuntratt definit. U l- liġi stess, l- artiklu 36 tagħmilha ċara wkoll illi l- ewwel sitt (6) xhur fi kwalunkwe każ huwa *probationary period*. Is- Sinjura bdiet l- impjieg tagħha fit- 18 t' April 2018 u hija ħadmet sa 26 ta' Ġunju 2018. Għaldaqstant dan kien fil-*probationary period*. Huwa forsi minnu li l- impjieg taġġha kien marbut ma' kuntratt definit ta' sena pero dan il-kuntratt qatt ma wasal u m' hemm xejn iffirmat bejn il- partijiet.

In replica Dr. Peter Fenech qal li l- probation wieħed jista' tirrinunzja għaliha, jiġifieri titneħħa bi ftehim u evidentament la wieħed jaċċetta dik il- klawżola l- *probation* ma tapplikax pero Dr. Micallef Stafrace qal li din ma ħarġet minn imkien mill-provi.

**Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal jinnota li dan il-każ huwa wieħed fejn ix-xhieda tal-partijiet huma konflinġenti b'parti waħda tgħid ħaġa u l-parti l-oħra tgħid mod ieħor. It-Tribunal hawn jagħmel referenza għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.83 ir-Regolamenti dwar Informazzjoni lill-Impjegati. Dawn ir-regolamenti jistipulaw illi min iħaddem għandu ċerti obbligi lejn l-impjegati li jinfurmhom dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg tagħhom. Filwaqt li ma huwiex tassattiv illi impjegat jingħata kuntratt tax-xogħol, min iħaddem, fin-nuqqas ta' kuntratt għandu *"jkun marbut li jagħti jew jibgħat lill-impjegat ittra ta' ingaġġ jew dikjarazzjoni ffirmata, mhux aktar tard minn tmien ġranet tax-xogħol mill-bidu ta' l-impjieg…"*

Mill-provi li ġew ippreżentati f'dan il-każ ma ingħatax kuntratt ta' impjieg u lanqas ma ingħatat ittra jew dikjarazzjoni iffirmata u għaldaqstant min iħaddem naqas minn dan l-obbligu, pero ma huwiex il-ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal sabiex jiddeċiedi jekk kienx hemm reat kontra l-imsemmija regolamenti jew le.

Dan it-Tribunal intalab jiddikjara li l-intimata kisret il-ftehim ta' mpjieg, tiġi dikjarata responsabbli tad-danni sofferti mis-soċjeta` rikorrenti u tikkundannha tħallas is-somma ta' erbat elef, tmien mija u ħamsa u għoxrin ewro u tmenin ċenteżmu (€4,825.80) bħala danni sofferti mis-soċjeta` rikorrenti. Permezz tal-Att LVIII tal-2020 it-Tribunal Industrijali ingħata l-ġuridizzjoni li jisma' talbiet ta' ammonti li jistgħu jiġu dovuti lil prinċipal wara temm ta' kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel id-data ta' tmiem it-terminu definittiv speċifikat fil-kuntratt.

Il-kwistjoni tibqa' iżda dwar jekk l-ammont mitlub mis-soċjeta huwiex dovut jew le. Fiċ-ċirkostanzi kif ġew spjegati mix-xhieda dan it-Tribunal mhuwiex konvint illi Christine Vella fehmet li kienet ser tiġi ingaġġata għal żmien definit u wisq anqas minn hekk fehmet li jekk hija ttemm l-impjieg qabel l-allegat perjodu hija għandha tħallas xi ammont. Kif jista' Tribunal ikun konvint mit-teżi tas-soċjeta meta fix-xhieda tagħha Christine Vella qalet li iva forsi seta' issemma xi perjodu? It-Tribunal jinnota li apparti li ma kien hemm l-ebda kuntratt iffirmat bejn il-partijiet, lanqas ma ġiet ippreżentata formola ta' ingaġġ mal-Jobsplus.

Mingħajr preġudizzju għal dan, jibqa' l-fatt li l-liġi tispeċifika li l-ewwel sitt xhur ta' impjieg huma żmien ta' prova. Is-soċjeta fit-trattazzjoni tagħha qalet li Christine Vella irrinunzjat għal dan il-perjodu pero dan il-fatt qatt ma ħareġ mix-xhieda, la tas-soċjeta u lanqas ta' Vella. Kif intqal aktar 'il fuq ix-xhieda f'dan il-każ kienu kunflinġenti u ma hemm l-ebda prova dokumentarja.

Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet imsemmiija u tenut kont ukoll tal-prinċipju li impjegat huwa meqjus li qiegħed f'pożizzjoni aktar dgħajfa mill-prinċipal, dan it-Tribunal ma huwiex konvint mill-argumenti miġjuba mis-soċjeta.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-każ, it-Tribunal mhux qed jilqa' t-talbiet tas-soċjeta.

**Drittijiet**

It-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet f'dan il-kaz ghal €93.17 kull wieħed u dan ai termini tal-provvedimenti ta' Avviz Legali Numru 48 tal-1986.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**(iffirmata)**

Avv. Charmaine Cristiano Grech LL.D.
Chairperson